# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Mejju 2019**

**Numru 23**

**Rikors numru 322/17 MCH**

**Il-Professur Raymond Mangion**

**v.**

**Whitelocke Publications Limited, kumpannija registrata Gibilterra bin-numru 95737 u Dottor Mark Anthony Sammut**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-kumpannija intimata Whitelocke Publications Limited minn deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Lulju, 2017, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari u sabet li l-intimat Dottor Mark Anthony Sammut ma kellu l-ebda *locus standi* fil-kawża, imma ċaħdet it-tieni, t-tielet u r-raba'

eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati li kienu jgħidu li ma kinux il-kontraditturi leġittimi tal-azzjoni mibdija kontra tagħhom mill-attur Mangion u li l-ewwel Qorti ma kellhiex is-setgħa li tisma’ l-kawża minħabba l-klawsola arbitrali u li, f’kull każ, kellha tapplika l-liġi Ingliża għall-każ imressaq quddiemha;

2. L-azzjoni tressqet mill-attur (minn issa ’l hemm imsejjaħ “l-appellat”) għall-finijiet tal-artikolu 8 tal-Att tal-2006 li Jirregola l-Infurzar ta’ Drittijiet ta’ Proprjetà Intellettwali[1] u fiha talab li l-ewwel Qorti li, filwaqt li tordna l-ħruġ ta’ digriet provvizorju sakemm tiddeċiedi finalment dwar il-mertu, “tipprojbixxi u/jew iżomm l-intimati milli jagħmlu jew iġiegħlu lil xi persuna oħra li tagħmel, mingħajr liċenza mingħand l-esponenti, xi att li l-għemil tiegħu huwa kkontrollat bid-drittijiet tal-awtur li għandu l-esponenti fix-xogħol letterarju "*Constitutions and Legislation of Malta 1914-1964*" inkluż, mingħajr preġudizzju għal ġeneralità ta’ din it-talba, (a) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti b'kull mezz u f’kull għamla, għal kollox jew f’parti minnu; (b) il-ħlas għall-kiri u s-self; (ċ) id-distribuzzjoni; (d) it-traduzzjoni f’ilsna oħra; (e) l-adattament, l-arranġament u kull tibdil ieħor u r-riproduzzjoni, distribuzzjoni, komunikazzjoni, wiri jew esekuzzjoni quddiem il-pubbliku tar-riżultati ta’ dan; (f) ix-xandir jew ix-xandir mill-ġdid jew il-komunikazzjoni lill-pubbliku jew it-trasmissjoni mill-ġdid bil-fil; (ġ) il-wiri jew l-esekuzzjoni quddiem il-

[1] Att XX tal-2006 (Kap 488)

pubbliku, tax-xogħol letterarju fuq imsemmi fit-totalità tiegħu jew f'parti sostanzjali minnu, sew fl-għamla oriġinali tiegħu sew f'xi forma miksuba b'mod li jingħaraf sew mill-oriġinali. Bl-ispejjeż kontra l-intimati";

3. Fit-Tweġiba Maħlufa tagħhom, l-intimati eċċepew, fost l-oħrajn, li filwaqt li l-intimat Sammut ma kellux *locus standi* fl-azzjoni, il-kumpannija intimata (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti") qalet li lanqas hija ma kienet il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni attriċi billi l-*Memorandum of Agreement* sar bejn Russell Square Publishing Limited u l-appellat u mhux magħha. B'mod preliminari, żiedu jeċepixxu li l-ewwel Qorti ma kenitx il-Qorti kompetenti li tisma' l-każ fid-dawl tal-klawsola arbitrali tal-*Memorandum of Agreement* (klawsola 29) tat-30 ta' April, 2016, bejn l-attur u Russell Square Publishing Limited li kienet tgħid li kwestjonijiet bejniethom kellhom jitressqu għal proċeduri arbitrali f'Londra. Fir-raba' eċċezzjoni preliminari, l-intimati qalu li skond l-imsemmi *Agreement* (klawsola 31) l-ewwel Qorti kellha tapplika l-liġi Ingliża. Laqgħu ukoll b'eċċezzjonijiet oħrajn fil-mertu;

4. Biex waslet għad-deċiżjoni tagħha, l-ewwel Qorti ġabret il-fatti u ikkunsidrat b'dan il-mod:

> "*Illi dan huwa rikors li qed isir ghat-tenur tal-artikolu 8 tal-Att li jirregola l-Infurzar ta' Drittijiet ta' Proprjeta Intellettwali (Kap. 488). Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:*

*"1. Illi l-esponent huwa l-awtur u l-proprjetarju tad-drittijiet tal-awtur fix-xoghol letterarju "Constitutions and Legislation of Malta 1914-1964;"*

*"2. Illi permezz ta' ftehim datat it-30 ta' April 2016 (Dok. A) li sar bejn l-esponenti u l-kumpannija Russell Square Publishing Limited, kumpannija Maltija li ggib in-numru ta' registrazzjoni C73926, l-esponenti inkariga lill-istess kumpannija biex jippublikaw l-imsemmi xoghol letterarju u fl-istess ftehim hu ttrasferixxa d-drittijiet fl-imsemmi xoghol;*

*"3. Illi l-ftehim datat it-30 ta' April 2016 gie itterminat b'ittra tal-24 ta' Marzu 2017 (Dok. B) mibghuta mill-konsulent legali tal-esponenti ghat-tenur tal-klawzola 24.2 tal-istess ftehim u dan minhabba l-inadempiment da parti tal-imsemmija Russell Square Publishing Limited tal-obbligi taghha taht il-ftehim partikolarment (pero minghajr pregudizzju ghal nuqqasijiet ohra) l-obbligu li tippublika l-imsemmi xoghol letterarju fi zmien xahrejn mill-accettazzjoni tal-'Acceptable Typescript' skond il-klawzola 6.1 tal-istess ftehim;*

*"4. Illi l-esponenti gie infurmat li l-msemmija Russell Square u Limited 'assenjat' (illegalment kif ser jigi spjegat) il-beneficcji u l-obbligi taghha taht il-ftehim lill-kumpannija intimata Whitelocke Publications Limited (ara l-korrispondenza annessa u mmarkata bhala Dok. C u Dok D) li hija alter ego tal-intimat l-iehor Mark Anthony Sammut li huwa l-uniku azzjonist u direttur tal-istess kumpannija (ara c-certifikat mahrug mir-Registru tal-Kumpanniji ta' Gibilterra Dok. E). Illi din l-assenjazzjoni ossija cessjoni saret minghajr il-kunsens tal-esponenti lill-persuna li ma hijiex 'Associated Company' (kif definit fil-ftehim tat-30 ta' April 2016) u ghaldaqstant tikkostitwixxi ksur tal-klawzola 36 tal-ftehim imsemmi tat-30 ta' April 2016 u hija invalida u minghajr effett;*

*"5. Illi f'korrispondenza skambjata bejn il-konsulenti legali tal-esponenti u ta' Russell Square Publishing Ltd, gie dikjarat minn dawn tal-ahhar li "[Russell Square Publishing Limited] are no longer party to the Agreement ..." u dan stante l-imsemmija 'assenjazzjoni' illegali li saret favur il-kumpannija intimata (Dok. F u G).*

*"6. Illi in vista tal-premess, kwalunkwe drittijiet fix-xoghol letterarju in kwistjoni li setghu gew assenjati permezz tal-ftehim tat-30 ta' April 2016 lill-kumpannija Russell Square Publishing Limited irrevertew favur l-esponenti u certament l-intimati ma jistghu ivvantaw l-ebda drittijiet fuq l-imsemmi xoghol;*

*"7. Illi l-kumpannija intimata Whitelocke Publications Limited qed tippretendi li ghandha xi drittijiet fuq ix-xoghol tal-esponenti u qed tiddistribwixxi l-istess xoghol u qed tghid li ser tistampa u tippublika l-istess xoghol (ara l-korrespondenza annessa u mmarkata bhala Dok. H sa Dok. J) u dan bi ksur tad-drittijiet tal-awtur tal-esponenti taht l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap. 415) partikolarment l-artikoli 42 u 7 tal-istess Att;*

*"7. Il-kumpanija intimata, fil-fatt poggiet dan ix-xoghol letterarju ghal bejgh fuq diversi siti elettronici li jbieghu il-kotba, bhal Amazon UK, Barnes and Noble, Book Depository, Foyles, Tanum and Waterstones*

*(Dok. K), ghalkemrn jekk wiehed jipprova jakkwistah illum jirrizulta li 'this item is no longer available';*

*"8. Illi dan huwa ksur ta' drittijiet ta' proprjeta intelletwali kif definit fil-Kap. 488 u inoltre jezistu l-elementi rikjesti mill-artikolu 8 tal-Att li jirregola l-Infurzar ta' Drittijiet ta' Proprjeta Intellettwali (Kap. 488) biex il-Qorti tohrog digriet.*

*"Ghaldaqstant, sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, u filwaqt li jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tordna l-hrug ta' dan id-digriet sakemm tiddeciedi finalment dwar l-istess, l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti biex tipprojbixxi u/jew izomm l-intimati milli jaghmlu jew igieghlu lil xi persuna ohra li taghmel, minghajr licenza minghand l-esponenti, xi att li l-ghemil tieghu huwa kkontrollat bid-drittijiet tal-awtur li ghandu l-esponenti fix-xoghol letterarju "Constitutions and Legislation of Malta 1914-1964" inkluz, minghajr pregudizzju ghal generalita ta' din it-talba, (a) ir-riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti b'kull mezz u fkull ghamla, ghal kollox jew f'parti minnu; (b) il-hlas ghall-kiri u s-self; (6) id-distribuzzjoni; (d) it-traduzzjoni f'ilsna ohra; (e) l-adattament, l-arrangament u kull tibdil iehor u r-riproduzzjoni, distribuzzjoni, komunikazzjoni, wiri jew esekuzzjoni quddiem il-pubbliku tar-rizultati ta' dan; (f) ix-xandir jew ix-xandir mill-gdid jew il-komunikazzjoni lill-pubbliku jew it-trasmissjoni mill-gdid bil-fil; (g) il-wiri jew l-esekuzzjoni quddiem il-pubbliku, tax-xoghol letterarju fuq imsemmi fit-totalita tieghu jew f'parti sostanzjali minnu, sew fl-ghamla originali tieghu sew f'xi forma miksuba b'mod li jingharaf sew mill-originali.*

*"Bl-ispejjez kontra l-intimati.*

*"Rat ir-risposta tal-intimati li tghid hekk:*

*"1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament, I-esponenti Dottor Mark Anthony Sammut (ID: 483973M) ma ghandux locus standi, mhux il-Iegittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;*

*"2. Illi fit-tieni lok, preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, Whitelocke Publications Limited ma hijiex il-legittirnu kontradittur stante Ii l-Memorandum of Agreement sar bejn Russell Square Publishing Limited (C73926) u r-rikorrenti, tenut kont ukoll Ii gie allegat Ii Russell Square Publishing Limited kienet inadempjenti fl-obbligi taghha taht il-ftehim partikolarment l-obbligu li tippubblika x-xoghol letterarju fiz-zmien xahrejn mill-accettazzjoni ai termini ta' klawsola 6.1 tal-istess ftehim u li allegatament kisret artikolu 36 tal-Ftehim datat 30 ta' April 2016;*

*"3. Illi fit-tielet lok, preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, skond klawsola 29 tal-Memorandum of Agreement datat 30 ta' April 2016 bejn il-Professur Raymond Mangion u Russell Square PUblishing Limited, il-partijiet intrabtu Ii kull litigju kellu jigi riferut ghall-*

*proceduri taI-arbitragg f'Londra u Ii ghalhekk din l-Onorabbli Qorti mhijiex il-forum proprja bil-vires Ii tiddeciedi fuq din il-materja stante Ii I-azzjoni kellha tigi riferita ghall-proceduri ta' arbitragg f'Londra;*

*"4. Illi fir-raba' lok, preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, bi klawsola 31 tal-Memorandum of Agreement datat 30 ta' April 2016 bejn il-Professur Raymond Mangion u Russell Square Publishing Limited, il-partijiet intrabtu li "The Agreement shall be governed by and construed in accordance with the laws of England" u Ii ghalhekk il-ligi applikabbli hi dik Ingliza, tant Ii I-pubblikazzjoni tal-ktieb saret l-Ingilterra u I-kumpanija topera kummercjalment fl-Ingilterra; I-istess ktieb ghandu ISBN Ingliz u kopja tieghu inghatat iii British Library ai termini tal-Ligi Ingliza Ii timponi Ii kotba ppubblikati I-Ingilterra tinghata kopja taghhom lid-depozitarju legali, ossija I-British Library (ara dokumenti annessi u mmarkati bhala WH1 u WH2);*

*"5. IIIi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti qatt ma baghat notifika bil-miktub lill-esponenti, kif allegat, ai termini tal-paragrafu 24.2 tal-imsemmi Memorandum of Agreement;*

*"6. Illi ghar-rigward I-allegazzjoni Ii I-assenjazzjoni saret minghajr il-kunsens tar-rikorrent lill-kumpannija Ii ma hijiex 'Associated Company' (kif definit fil-ftehim tat-30 ta' April 2016) u Ii ghalhekk tikkostitwixxi ksur tal-klawzola 36 tal-ftehim imsemmi tat-30 ta' April 2016, I-artikolu 449 tal-Corporation Tax Act 2010 (hawn annessa u mmarkata bhala Dokument WH3) jistipola Ii "a company is another's 'associated company' at a particular time if, at that time or at any other time within the preceding 12 months (a) one of them has the control of the other, or (b) both are under the contral of the same person or persons.", filwaqt Ii I-artikolu 452 tal-istess jiddefinixxi x'inhu "Control", b'dan illi dan kollu qed jigi rilevat ghaliex meta saret l-assenjazzjoni in kwistjoni, Mark Sammut kien azzjonista kemm f'Russell Square Publishing Limited u kemm f'Whitelocke Publications Limited u Ii allura agixxa skond il-Ftehim u dan dejjem fil-parametri tal-ligi applikabbli Ingliza;*

*"7. IIIi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw Ii jigu respinti bl-ispejjez kontra I-istess;*

*"8. llli bl-agir tieghu r-rikorrenti qieghed jikkawza hsara lir-reputazzjoni tal-esponenti, b'dan Ii ghandu jinzamm responsabbli ghad-danni Ii jistghu jigu kkagunati minn tali hsara, anki billi dahal f'kuntatt ma' gurnali u rivisti teknici barranin u allega li Whitelocke Publications Limited ma ghandhiex iI-jedd tippubblika I-imsemmi ktieb;*

*"9. Illi ma ngabu I-ebda ragunijiet validi fil-ligi Ii jiggustifikaw din I-azzjoni taht Kap. 415 u Kap. 488 tal-Ligijiet ta' Malta, stante Ii la sar u mhux qed isir ksur ta' xi drittijiet ta' proprjeta intellettwali tar-rikorrenti, tant Ii kien ir-rikorrenti stess Ii accetta konsenja ta' tnejn u erbghin ktieb fis-7 ta' Jannar 2017, hlief ghal zewg kopji Ii r-rikorrent gabar direttament mill-Progress Press aktar tard, fi Frar 2017;*

*“10. Illl minghajr pregudizzju ghal dak kollu fuq suespost, ma jezistux I-elementi rikjesti mill-artikolu 8 taI-Att Ii jirregola I-Infurzar ta' Drittijiet ta' Proprjeta Intelletwali Intellettwali (Kap. 488) sabiex din I-Onorabbli Qorti tohrog digriet ai termini tal-istess artikolu u dan stante ukoll Ii t-test ippubblikat mid-dar editrici Russell Square Publishing Limited u mis-socjeta intimata ma huwiex il-manuskritt tar-rikorrenti, Ii mhux biss ittrasferixxa I-copyright lid-dar editrici, izda wkoll taI-kunsens tieghu lid-dar editrici halli taghmel editjar lingwistiku b'mod estensiv - dan sar mis-socjeta Russell Square Publishing Limited u gie approvat mir-rikorrenti; u Ii t-test ippubblikat u mbaghad ittrasferit minn Russell Square Publishing Limited huwa proprju dan it-test editjat u mhux it-test originali tal-manuskritt tar-rikorrenti;*

*“11. IIli ma jezisti ebda ksur imminenti ta' dritt ta' proprjeta intelletwali Ii jimmerita l-hrug ta' tali digriet jew tal-mizuri provizzorji u kawtelatorji I-ohra taht artikoli 8 tal-Kap. 488 u r-rikorrent ma gab I-ebda prova ragonevolment disponibbli Ii turi Ii hu d-detentur ta' drittijiet u Ii d-dritt tieghu qieghed jigi miksur jew Ii qieghed f'periklu imminenti Ii jigi miksur.*

*“12. IIIi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, kieku din I-Onorabbli Qorti kellha taghti tali digriet, ghandha tordna Ii r-rikorrenti jaghti garanzija adegwata jew assikurazzjoni ekwivalenti intiza biex tizgura kumpens adatt glial kull pregudizzju mgarrab mill-esponenti u ghal kull hsara Ii seta' garrab minhabba f'dawk il-mizuri.*

*“13. Illi in vista tal-premess, it-talbiet kollha tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

*“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mlll-ligi.*

*“Rat l-atti u n-noti tal-partijiet;*

*“Rat li l-vertenza thalliet ghal provvediment fuq l-ewwel erba’ eccezzjonijiet tal-intimati.*

***“Ikkunsidrat***

*“Din il-vertenza hi minsuga madwar l-artikolu 8 tal-Kap. 488 tal-Ligijiet ta’ Malta cioe talba ghal mizuri provvizzjorji biex jigu protetti drittijiet intellettwali ta’ persuna kontra l-agir ta’ haddiehor bi ksur allegat ta’ tali drittijiet.*

*“Il-kwistjoni issib l-gheruq taghha fi ftehim datat 30 ta’ April 2016 bejn ir-rikorrenti u s-socjeta’ Maltija Russell Square Publishing Limited. Ir-rikorrent qed jallega illi hu ittermina l-ftehim b’ittra tal-24 ta’ Marzu 2017 skond klawsola 24.2 billi s-socjeta’ Russel Square naqset, fost obbligi ohra, li tippublika x-xoghol letterarju tieghu fiz-zmien miftiehem. Jidher pero illi l-istess socjeta’ Russell Square kienet infurmat lir-rikorrenti li ittrasferiet id-drittijiet taghha lis-socjeta’ Whitelock Publications Limited*

*li hi l-alter ego tal-uniku direttur u azzjonijist taghha Mark Anthony Sammut. Ir-rikorrenti jikkontendi li l-assenjazzjoni hi invalida skont artikolu 36 tal-ftehim, billi l-intimat ma hiex wahda assoccjata ma' Russell Square Publishing Group. Ghalhekk qed titlob il-protezzjoni moghtija bil-Kap. 488.*

*"L-intimati ghamlu erba' eccezzjonijiet preliminari li ser jigu trattati. Bazikament l-intimati qed jeccepixxu li mhux il-kontraditturi legittimi ghall-azzjoni tar-rikorrenti billi Mark Anthony Sammut personalment ma ghandux x'jaqsam u illi s-socjeta' intimata ma hiex parti ghal ftehim li allegatament kisret tali ftehim. Fi kwalunkwe kaz, il-ftehim bejn ir-rikorrenti u Russell Square Publishing Limited jinkorpora ftehim ta' arbitragg u ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni, u in oltre skont l-istess ftehim, dan hu soggett ghal-ligi Ingliza.*

*"Il-Qorti ser titratta l-ahhar zewg eccezzjonijiet, cioe' t-tielet u raba' wahda cioe' li din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni ghaliex fil-ftehim li allegatament gie vjolat hemm klawsola arbitrali bil-forum ikun Londra u illi fi kwalunkwe kaz il-ligi applikabbli hi dik Ingliza skond l-istess ftehim.*

*"Klawsola 29 u 31 tal-ftehim jghidu hekk:*

> *"29. Arbitration*
>
> *"Any dispute arising out of or in connection with this Agreement, including any question regarding its existence, validty or termination, shall be referred to and finally resolved by arbitration under the LCIA Rules, which Rules are deemed to be incorporated by reference into this clause. The number of arbitrators shall be one. The seat, or legal place, of arbitration shall be London, United Kingdom. The language to be used in the arbitral proceedings shall be English.*
>
> *"31. Applicable law*
>
> *"This Agreement shall be governed by and construed in accordance with the laws of England.*

*"Il-Qorti tqis illi l-intimati f'din il-procedura mhumiex parti diretta fil-ftehim tat-30 ta' April 2016. Pero il-bazi tat-talba provvizorja tar-rikorrenti tinsorgi minn allegat vjolazzjoni tal-istess ftehim u assenjazzjoni mhux skont l-istess ftehim, zewg kontenzjonijiet li qed jigu michuda mis-socjeta' intimata li issostni li giet assenjata d-drittijiet u obbligi ta' Russell Square Publishing Limited fit-22 ta' Marzu 2017, cioe' jumejn qabel id-data ta' terminazzjoni unilaterali tal-ftehim maghmul mir-rikorrenti mas-socjeta Russell Square Publishing Limited u ghalhekk dahlet fiz-zarbun tal-istess Russell Square u saret il-kontro parti ghal ftehim mar-rikorrenti.*

*"Ghalkemm ir-rikorrenti qed isostni illi t-talbiet tieghu huma bbazati fuq relazzjoni ex delicto fil-konfront tal-intimat, din il-Qorti ma taqbilx peress illi r-rikorrenti mhux jirrikonoxxi ebda assenjazzjoni li qed jigi allegat li saret bejn Russell Square u Whitelocke, anzi qed isostni li Russell Square ivvjolat il-ftehim mar-rikorrenti. Hu minnu kif issottometta r-rikorrenti, illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni huma dezunti mit-terminu tal-att li bih inbdew il-proceduri pero' l-Qorti hi tal-fehma li kuntrarjament ghal dak li issottometta r-rikorrenti t-talbiet tar-rikorrenti jduru ma' assenjazzjoni illecita ta' ftehim li kien hemm bejn ir-rikorrenti u Russell Square u mhux minn azzjoni izolata u bla konnessjoni maghmula mis-socjeta' intimata lil hinn minn tali ftehim.*

*"Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma illi l-intimati jistghu jargumentaw u jsostnu illi din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni f'din il-vertenza fil-mertu taghha u li kull azzjoni naxxenti mill-ftehim invokat mir-rikorrenti bhala bazi ghall-azzjoni minnu mehuda ghandha tigi indirizzata b'arbitragg f'Londra skont klawsola 29 tal-ftehim u bl-applikazzjoni tal-ligi Ingliza skond klawsola 31 tal-istess ftehim ghalkemm din hi kwistjoni li trid tigi ventilata, kunsidrata u deciza fl-istadju opportun tal-proceduri fil-mertu jekk dawn jinbdew f'Malta.*

*"Il-Qorti tqis pero' illi r-rikorrenti hu gustifikat li jadixxi l-Qrati Maltin ghal protezzjoni prekawzjonali u preventiva billi r-rikorrenti qed jitlob li jittiehdu mizuri protettivi kontra allegat infrazzjoni ta' dritt intellettwali a bazi tal-Kap. 488.*

*"Ghalkemm ir-regolament Ewropew 1215/2015 dwar il-gurisdizzjoni fuq kwistjonijiet civili u kummerjcali ma jsibx applikazzjoni f'din il-vertenza billi jeskludi mill-applikazzjoni tieghu ftehim ta' arbitragg (ara regolament 2(d)). Pero' l-istess regolament fil-preambolu tieghu meta jirreferri ghal mizuri protettivi jispjega illi jekk il-Qorti li lilha jkunu ntalbu dawn il-mizuri ma ghandhiex gurisdizzjoni fuq is-sustanza tal-azzjoni, il-mizuri protettivi jistghu jinhargu biss ghat-territorju fejn qed jintalbu tali mizuri.*

*"Il-Qorti tqis illi l-applikazzjoni tal-Kapitolu 488 tal-Ligijiet ta' Malta senjatament it-talba ghal provvediment kawtelatorju taht l-artikolu 8 tal-istess kapitolu hi f'postha. Il-Qorti hi tal-fehma illi dan il-provvediment jaghti lok ghal mizuri provvizorji u prekawzjonali favur l-attur. Dan jirrizulta mill-artikolu 3(a) u 4(1) tal-Kap. 488 li jghidu hekk:*

*"3. Dawn il-persuni ghandu jkollhom, b'zjieda ma' kull mezz iehor provdut bil-ligi ghall-infurzar tad-drittijiet taghhom ta' proprjeta intellettwali, il-jedd li jaghmlu uzu mill-mizuri, proceduri u rimedji provduti b'dan l-Att:*
*"(a) kull min skont id-disposizzjonijiet ta' kull ligi li tkun tapplika tkun id-detentur ta' dritt ta' proprjeta intellettwali;*

*"4. (1) Kull min ismu jidher fuq xi xoghol letterarju jew artistiku b'tali mod li soltu persuna tigi indikata bħala l-awtur tax-xoghol ghandu,*

*sakemm ma jkunx hemm prova kuntrarja, jigi kkunsidrat bhala l-awtur ta' dak ix-xoghol u jkollu jedd jaghmel uzu mill-mizuri, proceduri u rimedji provduti b'dan l-Att.*

*"Pero kif inghad aktar il-fuq din il-protezzjoni tista' u ghandha tkun limitata biss ghat-territorju Malti.*

*"Ghalhekk il-Qorti tqis li dawn l-eccezzjonijiet fil-parametru ta' talba ghal mizuri provvizorji u prekwizjonali distintament minn kull provvediment fuq il-mertu tal-azzjoni mhux misthoqqa.*

***"It-tieni eccezzjoni***

*"In kwantu ghal din l-eccezzjoni, il-Qorti tqis is-sottomissjonijiet bla ebda fundament peress illi Whitelocke Publications Limited giet assenjata d-drittijiet li kellha s-socjeta' Russell Square Limited fil-ftehim mal-attur u ghalhekk ma jistax fl-istess nifs javvantaggja ruhu minn ftehim u mbaghad jghid li fil-ftehim ma kienx parti.*

*"Ghalhekk anki din l-eccezzjoni qed tigi michuda.*

***"L-ewwel eccezzjoni***

*"Din l-eccezzjoni ghandha tintlaqa' billi Mark Anthony Sammut ghalkemm hu l-uniku azzjonist u direttur ta' Whitelocke, il-ftehim ta' assenjazzjoni sar ma' Whitelocke Publications Limited biss u Mark Anthony Sammut fil-kapacita' personali tieghu ma jissemma imkien. Is-socjeta Whitelocke ghandha personalita' guridika indipendenti u distinta mill-azzjonisti jew id-direttur. Mark Anthony Sammut ma jistax jitharrek meta ma hemmx prova li hu kien parti involuta direttament fil-ftehim*";

5. Il-partijiet talbu w kisbu b'degriet tal-31 ta' Lulju, 2017[2] mingħand l-ewwel Qorti l-permess biex, għar-raġunijiet minnhom imsemmija, jappellaw mill-imsemmija sentenza;

6. Illi bir-Rikors tal-Appell imressaq minnha fl-4 ta' Awwissu, 2017, l-appellanti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti jogħġobha tilqa' l-appell tagħha billi ".. .. tirriforma s-sentenza .. f'dik il-parti fejn

[2] Paġ. 117 tal-proċess

ċaħdet l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanti, u dan billi tikkonferma l-ewwel eċċezzjoni li ġiet milqugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, tirrevoka u tħassar id-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fir-rigward tat-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari, u minflok tiddeċiedi billi tilqa' t-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanti";

7. Illi bir-Rikors tal-Appell imressaq minnu fis-7 ta' Awwissu, 2017, l-attur appellat, għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li din il-Qorti jogħġobha tilqa' l-appell tiegħu billi "tirriforma d-deċiżjoni appellata .. billi: (1) fl-ewwel lok tirrevoka u tħassar dik il-parti tad-deċiżjoni fejn laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-appellati; u (2) fit-tieni lok tirriforma dik il-parti tad-deċiżjoni fejn ċaħdet it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-appellati billi tikkonferma d-deċiżjoni tagħha li tiċħad l-istess eċċezzjonijiet u tvarja l-motivazzjonijiet li wasslu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li tiċħad l-istess eċċezzjonijiet kif fuq spjegat";

8. Għal dawn l-atti, ir-rispettivi partijiet ressqu r-Risposta tagħhom fil-5 ta' Settembru, 2017, fil-każ tal-appellat u fis-7 ta' Settembru, 2017, fil-każ tal-appellanti;

9. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

10. Rat l-atti kollha tal-kawża;

11. Rat li l-appell tħalla għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

12. Illi din hija azzjoni għall-għoti ta' miżura provviżorja u kawtelari dwar kjsur allegat ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali għall-finijiet tal-artikolu 8 tal-Att XX tal-2006 li Jirregola l-Infurzar ta' Drittijiet ta' Proprjetà Intellettwali. L-appellat kiteb monografu bl-isem "*Constitutions and Legislation of Malta 1914 – 1964*" u fit-30 ta' April, 2016[3], daħal fi ftehim (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-ftehim") ma' kumpannija Maltija (jisimha Russell Square Publishing Limited, u minn issa 'l hemm imsejħa "Russell") biex din tippubblika l-imsemmi xogħol letterarju u għaddhielha wkoll id-drittijiet tiegħu fl-imsemmi xogħol. L-appellat ħarrek lill-appellanti u lill-azzjonist ewlieni u direttur waħdieni tagħha (l-intimat Sammut) wara li sar jaf li Russell assenjat il-jeddijiet u r-rabtiet tagħha lill-appellanti bla ma għarrfitu minn qabel: sadattant, l-appellat kien bagħat jgħarraf b'ittra[4] lil Russell li kien temm il-ftehim li kien sar bejnu u bejnha minħabba ksur u nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt;

[3] Dok "A", f'paġġ. 5 sa 16 tal-proċess
[4] Dok "B", f'paġ. 17 tal-proċess

13. Illi tajjeb jingħad li l-appellat fetaħ din il-kawża fil-11 ta' April, 2017 u b'degriet mogħti dakinhar stess[5], l-ewwel Qorti laqgħet it-talba b'mod provviżorju;

14. Illi filwaqt li l-appellanti ressqet tliet (3) aggravji mis-sentenza appellata, l-appellat ressaq żewġ (2) aggravji min-naħa tiegħu mill-istess sentenza. Iż-żewġ naħat qegħdin jitolbu r-riforma tal-imsemmija sentenza. L-appellanti ħassitha aggravata safejn l-ewwel Qorti ċaħditilha t-tieni (li ma hijiex il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi, billi ma kinitx imdaħħla fil-ftehim li l-appellat jallega li nkiser), t-tielet (li l-ftehim kien jikkontempla li kwestjonijiet taħt il-kuntratt kellhom jitressqu għall-arbitraġġ f'Londra) u r-raba' (li, f'kull każ, il-ftehim kien jgħid li kien regolat bil-liġi Ingliża) eċċezzjonijiet preliminari tagħha. Min-naħa tiegħu, l-appellat ħassu aggravat mis-sentenza appellata (i) safejn laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari (jiġifieri li ħelset lill-intimat Sammut mill-ħarsien tal-ġudizzju għax qieset li ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi) u (ii) dwar ir-raġunament li wassal lill-ewwel Qorti biex tiċħad it-tliet eċċezzjonijiet preliminari l-oħrajn, għalkemm jaqbel mas-sentenza appellata f'dak ir-rigward;

15. Illi l-Qorti ttenni li n-natura ta' kawża li titressaq quddiem il-Qrati hija determinata mill-għażla li tagħmel il-parti li tiftaħha u mhux mill-

[5] Paġ. 38 tal-proċess

eċċezzjonijiet li l-parti mħarrka tqajjem dwarha. Għalhekk, qabel ma tgħaddi biex tqis l-aggravji tal-partijiet, din il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tara n-natura tal-azzjoni promotriċi u l-effetti maħsuba fil-liġi bit-tressiq tagħha. Dan qiegħed jingħad ukoll minħabba l-fatt – li jidher sewwa mis-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet fl-atti miktuba tal-kawża – li ma hemmx qbil bejniethom dwar jekk l-azzjoni mibdija mill-appellat tissejjisx fuq il-ħtija kuntrattwali jew fuq il-ħtija akwiljana;

16. Illi għalkemm l-appellat jallega li kien il-ksur tal-ftehim min-naħa ta' Russell li wasslu biex temm il-ftehim, in-natura ta' azzjoni bħal din tal-lum tissejjes fuq il-ħsara li ssir u d-danni li jiġġarrbu minn użu ħażin li jolqot id-drittijiet intelletwali tal-parti mġarrba. Minħabba f'hekk, l-appellat jisħaq li kemm ir-rimedju mogħti fil-proċedura mnedija minnu u kif ukoll ir-raġunijiet li fuqhom titressaq azzjoni taħt l-artikolu 8 tal-Kapitolu 488 tal-Liġijiet ta' Malta jmorru lil hinn minn xi rabta kuntrattwali li jista' jkun hemm u jintrabtu mal-egħmil allegatament delittwali tal-parti mħarrka li tkun mixlija bi ksur tal-jeddijiet intellettwali tal-parti attriċi;

17. Illi, min-naħa tagħha, l-appellanti tgħid li l-qofol tal-kwestjoni bejnha u l-appellat trid tintrabat mal-ftehim li, għalkemm ma kinitx firmatarja tiegħu mal-attur, kienet ġiet assenjata l-jeddijiet u r-rabtiet li Russell kellha taħt dak il-ftehim. Għalhekk qiegħda tisħaq li l-eċċezzjonijiet preliminari

li qajmet fil-bidu tal-kawża messhom intlaqgħu kollha u din hija r-raġuni għaliex tħossha aggravata mis-sentenza appellata;

18. Illi l-Qorti tqis li azzjoni mnedija bis-saħħa tal-Kapitolu 488 tal-Liġijiet ta' Malta tiddependi mir-rimedju li jintalab. Ma hemmx dubju li l-Kap 488 jikkontempla suriet differenti ta' rimedju, u t-taqsimiet tal-istess Att jagħmluha ċara li wħud mir-rimedji huma kawtelatorji[6] filwaqt li oħrajn jinkisbu biss b'riżultat ta' deċiżjoni fuq il-merti tal-każ[7];

19. Illi azzjoni bħal dik li din il-Qorti għandha quddiemha llum, imressqa taħt l-artikolu 8 tal-Att hija waħda maħsuba li tagħti rimedju ta' għamla provviżorja biex bih iżomm jew iwaqqaf egħmil jew jippreserva xi prova li tista' tkun meħtieġa f'xi proċediment fil-mertu dwar il-ħarsien ta' xi dritt ta' proprjetà intellettwali kif imfissra f'dak l-Att. Din l-azzjoni tingħata wkoll fejn ikun għadu biss allegat li xiħadd ikun qiegħed jikser xi dritt ta' proprjetà intellettwali tal-parti li tibda azzjoni bħal din. Mill-kliem tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-artikolu 8 tal-imsemmi Att, jidher ċar li s-sanzjonijiet u r-rimedji maħsuba – it-twaqqif jew żamma ta' xi egħmil imqar imminenti milli jibda jew ikompli jitwettaq u wkoll il-qbid jew il-kunsinna ta' ħwejjeġ suspetti li allegatament jiksru d-drittijiet intellettwali tal-parti attriċi – għandhom min-natura ta' rimedji inibitorji maħsuba biex ma jħallux li tibda jew li tikber il-ħsara li s-sid ta' dritt ta' proprjetà

[6] Art. 8 tal-Kap 488
[7] Art. 9 tal-Kap 488

intellettwali jista' jkun qiegħed iġarrab minħabba l-egħmil mhux mistħoqq ta' ħaddieħor[8]. Minbarra dan, jidher li proċedura mnedija taħt is-saħħa tal-artikolu 8 tal-Att tistenna li min jitlob ir-rimedju hemm mogħti jagħmel dan billi jipprova l-każ tiegħu mad-daqqa t'għajn ('*prima facie*')[9] u li għall-għoti ta' tali rimedju hu mistenni li jitwettqu l-kundizzjonijiet li jintalbu minn min jitlob il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni[10]. Fuq kollox, rimedju mogħti taħt is-saħħa tal-artikolu 8 jitlob li l-parti li lilha jingħata tkun trid tiftaħ kawża fuq il-mertu fi żmien wieħed u tletin jum kalendarju minn dakinhar tal-għoti tad-degriet[11];

20. Illi l-Qorti taqbel mal-fehma tal-appellat li n-natura ta' din l-għamla ta' azzjoni ma tinbeniex *ex contractu*. Hija azzjoni li tħares – imqar jekk provviżorjament – lil min ikun ġarrab ksur ta' xi jedd proprjetarju intellettwali kontra r-rieda tiegħu, u dan inissel jedd ta' azzjoni *ex delictu*[12]. Dan jinsab assodat fid-duttrina dwar in-natura tar-rimedji għall-ksur ta' xi jedd intellettwali kif stabbilit fil-liġi li minnha ntirtet il-liġi Maltija dwar il-ħarsien ta' jedd bħal dak. Kemm hu hekk jingħad li "*The civil remedies available for infringement of copyright are damages, injunctions, accounts (of profits), 'or otherwise'. .. .. .. Although the previous legislation*

[8] Ara P.A. MCH **11.12.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Easylife TV Direct Co. Ltd. et vs Omajco Cleaners Ltd. et*** (mhix appellata)
[9] Ara P.A. MCH **26.6.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Av. Luigi Sansone noe vs Corporate Trading Ltd.*** (mhix appellata)
[10] Ara P.A. MCH **18.4.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***King.com Ltd. vs Dr. Louis Cassar Pullicino noe*** (mhix appellata)
[11] Art. 8(5) tal-Kap 488
[12] Cfr. Cornish & Llewelyn Intellectual Property (5th Edit., 2003) §§ 2.05 *et seq* f'paġġ. 53 sa 60

*included conversion damages, it is conceivable that the addition of the phrase 'or otherwise' still permits the use of conversion damages, as they are available as a general rule in tort for wrongfully dealing with another person's property*"[13];

21. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-azzjoni mnedija mill-appellat għandha l-għeruq tagħha fl-indoli ta' azzjoni *ex delictu* u mhux waħda *ex contractu*;

22. Illi l-Qorti se tgħaddi biex tqis l-**aggravji** tal-partijiet mis-sentenza appellata. Jidhrilha li jixraq li tqis l-ewwel l-**aggravji tal-appellat** u wara tgħaddi biex tqis l-**aggravji tal-appellanti**;

23. Illi fl-appell tiegħu, l-attur appellat iqajjem żewġ aggravji mis-sentenza appellata. Huwa jqajjem aggravju safejn l-ewwel Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati u ħelset lill-intimat Sammut mill-ħarsien tal-ġudizzju għaliex ma dehrilhiex li huwa kien il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet attriċi f'din il-proċedura. Fit-tieni aggravju, huwa jaqbel mal-ewwel Qorti fiċ-ċaħda ta' tliet eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-appellanti, imma jgħid li ma jaqbilx mar-raġunament li fuqu l-ewwel Qorti sejset il-fehma tagħha biex waslet ħalli tiċħad l-imsemmija tliet eċċezzjonijiet preliminari;

[13] D Bainbridge *Intellectual Property* (5th Edit, 2002) , paġ 144

24. Illi għal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju tiegħu, l-appellat jgħid li l-ewwel Qorti ma messhiex ħelset lill-intimat Sammut milli jibqa' fil-kawża għaliex, bħala l-azzjonist u d-direttur waħdieni tas-soċjetà appellanti, ma setax ma kienx il-persuna li wettqet il-ksur tal-jeddijiet tiegħu tal-proprjetà intellettwali tal-ktieb tiegħu. Kemm hu hekk, l-appellat jisħaq li lil Sammut ma ħarrkux għaliex huwa azzjonist u direttur fil-kumpannija appellanti, imma għaliex l-istess intimat jaħti minħabba għemilu ta' ksur tal-artikolu 42(1)(a) tal-Kapitolu 415 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa jgħid li l-ftehim bejnu u Russell issemma biss biex juri l-qafas tal-ġrajjiet li seħħew, imma l-azzjoni tiegħu mhijiex imsejsa fuq tali ftehim: ħarrek lil Sammut għaliex jgħid li kien huwa li ġiegħel lis-soċjetà appellanti tagħmel l-atti li t-twettiq tagħhom huwa kontrollat mill-jeddijiet intellettwali tiegħu tal-awtur. Huwa jilmenta li l-ewwel Qorti ma kienx għad kellha quddiemha elementi biżżejjed biex teħles lill-imsemmi intimat Sammut milli jibqa' fil-kawża, iżda, għall-kuntrarju, kellha provi biżżejjed li juru li l-imsemmi intimat u s-soċjetà appellanti kienu ħaġa waħda u li din ma setgħetx tagħmel xiħaġa li mhux għaliex iridha ssir hu;

25. Illi għal dan l-aggravju s-soċjetà appellanti u l-intimat Sammut jirribattu billi jgħidu li ladarba l-appellat espressament ibbaża l-azzjoni tiegħu fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 488 tal-Liġijiet ta' Malta, azzjoni bħal din tista' titressaq biss kontra min qiegħed

allegatament jikkommetti l-ksur tad-dritt ta’ proprjetà intellettwali li jkun intiż jipprevjeni ksur imminenti ta’ dritt ta’ proprjetà ntellettwali bħal dak. Ikomplu jfissru li l-appellant imkien ma jippremetti li l-intimat Sammut b’xi mod kiser id-dritt tal-awtur tal-appellat. F’kull każ, li kieku t-talbiet attriċi kellhom jintlaqgħu kontra s-soċjetà appellanti, ma jiswa xejn li jsiru l-istess talbiert kontra l-intimat Sammut, għaliex hu ma jistax iġiegħel lill-istess soċjetà tagħmel ħwejjeġ li tkun ġiet inibita milli tagħmel;

26. Illi din il-Qorti, b’rabta mal-kunsiderazzjonijiet li għamlet aktar qabel, hija tal-fehma li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq. Għalkemm din il-Qorti tapprezza s-sottomissjonijiet tal-appellat dwar ir-rabta bejn l-intimat Sammut u s-soċjetà appellanti, hija żżomm quddiem għajnejha wkoll l-għamla ta’ azzjoni mibdija mill-appellat u wkoll dak li jippremetti fir-rikors promotur. La mill-premessi ta’ dak ir-rikors u lanqas mill-ftit provi dokumentali li tressqu quddiem l-ewwel Qorti sa ma ngħatat is-sentenza appellata, ma jirriżultax kif l-intimat Sammut jista’ jkun il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi. Imkien ma jidher li l-istess intimat, fil-kwalità tiegħu personali, qiegħed jivvanta xi jeddijiet bi ksur tal-proprjetà intellettwali tal-appellat bħala awtur. Ir-rabta waħdanija li dwarha jisħaq l-appellat hija li l-intimat Sammut u s-soċjetà appellanti huma l-*alter ego* ta’ xulxin. Fir-rikors promotur, ir-rabta waħdanija u l-unika darba li jissemma l-intimat Sammut hija mal-kwestjoni tal-‘assenjazzjoni’ tal-ftehim, liema ċirkostanza l-appellat innifsu jgħid li ma hijiex il-bażi tal-

azzjoni tiegħu tallum. L-unika darba li l-appellat isemmi ksur tal-artikolu 42 tal-Kapitolu 415 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rikors promotur (premessa numru 7) dan jagħmlu fir-rigward tas-soċjetà appellanti biss u ma jsemmix ukoll lill-intimat Sammut;

27. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, dik iċ-ċirkostanza waħedha mhijiex biżżejjed biex iġġib lill-intimat Sammut bħala l-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi fis-sura kawtelatorja tagħha u dan billi ma ntweriex, imqar mad-daqqa t'għajn, li l-istess intimat wettaq jew sejjer iwettaq xi egħmil li jġib miegħu s-sanzjonijiet maħsuba fl-artikolu 8 tal-Kapitolu 488 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk, dak li huwa jgħid fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu quddiem l-ewwel Qorti[14] u dak li jtenni fir-rikors tal-appell tiegħu ma jżidu xejn ma' dak li joħroġ mill-att promotur u l-provi mressqa miegħu, u li dwaru l-ewwel Qorti kellha tqis sabiex tagħti l-fehma tagħha dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari msemmija;

28. Illi għalhekk, il-Qorti ssib li l-ewwel Qorti għamlet sewwa li laqgħet din l-eċċezzjoni preliminari u sejra tiċħad dan l-aggravju;

29. Illi fir-rigward tat-tieni aggravju l-appellat jgħid li filwaqt li jaqbel mas-sentenza appellata safejn ċaħdet it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari tas-soċjetà appellanti, ma jaqbilx mal-

[14] Paġġ. 85 – 7 tal-proċess

motivazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti biex tiċħad dawk l-istess eċċezzjonijiet. Huwa jgħid li l-motivazzjonijiet li mxiet fuqhom l-ewwel Qorti biex waslet li tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari l-oħrajn jixhdu li dik il-Qorti ma apprezzatx sewwa n-natura vera tal-azzjoni tiegħu, jew "qabżet il-limiti ta' kontestazzjoni". Jisħaq li l-azzjoni tiegħu tallum ma tistax tkun imsejsa fuq il-ftehim, imma fuq il-ksur tal-jeddijiet tiegħu fix-xogħol letterarju kif imħarsin bil-Kapitolu 415 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'mod partikolari, huwa ma jagħrafx lis-soċjetà appellanti bħala ċessjonarja tal-ftehim u hi, min-naħa tagħha, ma tista' tiġbor l-ebda benefiċċju minnu;

30. Illi l-appellanti twarrab dn l-aggravju billi tgħid li ma jiswiex appell minn motivazzjoni. Hija tgħid li ladarba l-appellat jaqbel mas-sentenza appellata safejn din ċaħdet it-tieni, t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari, ma jistax issa jressaq aggravju fuq il-motivazzjoni li wasslet lill-ewwel Qorti biex tiċħad dawk l-eċċezzjonijiet. Issaħħaħ din is-sottomissjoni tagħha billi ssemmi sentenzi tal-Qrati tagħna f'dan ir-rigward;

31. Illi din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-aggravju ma jistax jintlaqa'. Fl-ewwel lok, mhuwiex mogħti lil parti li tappella minn dik il-parti ta' sentenza li taqbel magħha[15]. Fit-tieni lok, appell jista' jsir biss minn kap jew kapi tas-sentenza, u dawn jirrigwardaw biss il-parti tad-dispożittiv jew

[15] Art. 228(1) tal-Kap 12

operattiva tagħha u mhux ukoll il-parti deliberattiva għaliex hija biss il-parti dispożittiva ta' sentenza li torbot lill-partijiet, għaliex kull dikjarazzjoni li ma tiddaħħalx fil-parti dispożittiva ta' sentenza la hija deċiżiva u lanqas obbligatorja[16]. Fit-tielet lok, huwa aċċettat li appell imressaq fuq il-bażi ta' nuqqas ta' qbil mar-raġunament li jkun wassal lill-Qorti għad-deċiżjoni tagħha huwa irritwali u bla siwi[17]. Is-sentenza li jsemmi l-appellat b'sostenn tal-jedd tiegħu li jappella mill-motivazzjoni tas-sentenza appellata[18] ma tistax tixxiebah mal-każ tallum, għaliex f'dik is-sentenza din il-Qorti (diversament komposta) kienet laqgħet l-appell inċidentali tal-appellata, minħabba li l-ewwel Qorti kienet (fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata) irriżervat rimedju lill-appellant prinċipali li ma kienx intalab fl-ebda waqt matul is-smigħ ta' dik il-kawża u kienet ukoll ittemperat il-kap tal-ispejjeż minkejja li ċaħdet it-talbiet attriċi kollha. F'dan il-każ tallum, il-kapi li fuqhom l-appellat iressaq dan l-aggravju ntlaqgħu favurih bla ebda riżerva fis-sentenza appellata;

32. Illi għalkemm din il-Qorti mhijiex sejra tilqa' dan l-aggravju, ma jfissirx li se twarrab ukoll il-kunsiderazzjonijiet li għamlet aktar qabel f'din is-sentenza[19] dwar in-natura tal-azzjoni preżenti mibdija mill-appellat. B'mod partikolari, din il-Qorti ssib li l-indoli tal-azzjoni attriċi ma jinbnewx fuq il-ftehim jew xi rabta *ex contractu*, u għalhekk ma taqbilx mal-ewwel

---

[16] Art. 219 tal-Kap 12

[17] Ara App. Inf. PS **15.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Andrew Pace et vs Unscheduled Bus Service et***; u App. Ċiv. **30.11.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Jean Pierre Borġ vs Nicole Borġ***

[18] App. Ċiv. **28.11.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Philip Cauchi vs Doris Paċe***

[19] Ara §§ 19 sa 21 *supra*

Qorti safejn sabet li l-azzjoni attriċi hija mibnija fuq ir-rabta li nħalqet bil-ftehim. Dan se jkun rifless ukoll fil-parti dispożittiva ta' din is-sentenza;

33. Illi l-Qorti se tgħaddi issa biex tqis l-**aggravji tas-soċjetà appellanti**. Illi fl-ewwel aggravju tagħha l-appellanti tgħid li l-ewwel Qorti ma għamlitx sewwa li ċaħdet it-tieni eċċezzjoni preliminari tagħha li tgħid li ma kinitx lanqas hi l-kontradittriċi leġitima tal-azzjoni attriċi. Is-soċjetà appellanti tqis li l-ewwel Qorti ċaħdet l-imsemmija eċċezzjoni għaliex qieset li, bis-saħħa taċ-ċessjoni tal-jeddijiet taħt il-ftehim, hija trid twieġeb għall-ilmenti tal-appellat u ma tistax tivvantaġġa ruħha minn ftehim u fl-istess waqt tgħid li mhijiex parti firmatarja tiegħu u għaldaqstant ma jorbothiex. Hija tisħaq li dak ir-raġunament tal-ewwel Qorti jinsab f'kuntrast ma' kunsiderazzjonijiet oħrajn fis-sentenza appellata u li ladarba l-appellat ma jagħrafx li saret ċessjoni jew assenjazzjoni, ma hemm l-ebda rabta ġuridika li żżommha fil-kawża jew li għandha twieġeb għal xi waħda mill-pretensjonijiet tal-appellat;

34. Illi l-appellat iwarrab dan l-aggravju u jisħaq li l-appellanti hija kontradittriċi leġittima tal-azzjoni mibdija minnu mhux għaliex hemm il-ftehim iżda għaliex b'egħmilha l-appellanti kisret il-jeddijiet intellettwali tiegħu kif imħarsin taħt l-artikoli 7 u 42 tal-Kapitolu 415 tal-Liġijiet ta' Malta;

35. Illi din il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex tajjeb. Fl-ewwel lok, ir-rabta bejn il-pretensjonijiet tal-appellat u s-soċjetà appellanti mhijiex maħluqa minn rabta taħt il-ftehim, imma mill-egħmil tagħha li l-appellat jgħid li huwa bi ksur tal-jeddijiet proprjetarji tiegħu. Hawnhekk, il-Qorti terġa' ttenni l-fehma tagħha li l-bażi tal-azzjoni attriċi mhuwiex il-ftehim imma l-allegat ksur tal-jeddijiet intellettwali tal-appellat. Fit-tieni lok, biex persuna f'kawża tkun kontradittriċi leġittima tal-pretensjonijiet tal-parti attriċi ma hemmx bżonn li r-rabta ġuridika tkun tabilfors rabta kuntrattwali. Fit-tielet lok, mill-provi mressqa, ma hemm l-ebda dubju li s-soċjetà appellanti ndaħlet fix-xogħol li l-appellat kien ftiehem ma' Russell li tagħmlu hi. Mela jekk l-appellat qiegħed jilmenta li ġarrab ksur tal-jeddijiet tiegħu minħabba l-indħil tal-appellanti, ma jagħmilx sens li l-istess appellanti tgħid li mhijiex il-kontradittriċi leġittima ta' dawk l-ilmenti. B'daqshekk ma jfissirx li hija qiegħda tistqarr xi ħtija f'dak li qed isir, imma hi biss għandha twieġeb għal dawk il-pretensjonijiet bħala persuna li l-artikolu 8 tal-Kap 488 jagħrafha bħala waħda li kontra tagħha tista' tinfetaħ proċedura taħt dak l-artikolu;

36. Illi għalhekk dan l-aggravju mhuwiex sejjer jintlaqa';

37. Illi bit-<u>tieni aggravju</u> tagħha s-soċjetà appellanti tgħid li l-ewwel Qorti żbaljat meta ma aċċettatx li l-klawsola arbitrali kienet iżżommha milli tkompli tisma' l-kawża. L-appellanti żżid tgħid kien l-istess appellat li

ntrabat taħt il-ftehim (klawsola 29) li kwestjonijiet marbuta mal-ftehim kellhom jitressqu għal arbitraġġ f'Londra u japplikaw dwarhom l-LCIA Rules. Tikkontesta l-fehma tal-ewwel Qorti li l-klawsola arbitrali ma twaqqafhiex milli jkollha s-setgħa tisma' kawżi mressqin quddiemha taħt l-artikolu 8 tal-Kapitolu 488 tal-Liġijiet ta' Malta. Ittemm tgħid li ladarba l-ewwel Qorti ma qalet imkien li l-ftehim ma jiswiex jew ma jistax jitwettaq, l-imsemmija klawsola arbitrali kienet torbot u l-każ imissu jinstema' quddiem l-arbitru kif miftiehem u li l-istess klawsola ġġib magħha l-estinzjoni tal-azzjoni preżenti;

38. Illi l-appellat iwarrab dan l-aggravju wkoll u għall-istess raġunijiet li jwarrab l-aggravju ta' qablu. Jgħid ukoll li f'kull każ is-soċjetà appellanti ma tistax tinqeda bl-imsemmija klawsola ladarba l-ftehim jorbot biss lil min kien parti fih. Minbarra dan, ladarba l-qofol tal-azzjoni tiegħu hija delittwali, l-artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) numru 1215/12 innifsu jistabilixxi li, f'azzjonijiet bħal dawn *ex delictu*, persuna domiċiljata fi Stat Membru tal-Unjoni tista' tiġi mħarrka fil-qrati tal-post fejn l-avveniment dannuż ikun twettaq jew sejjer jitwettaq. Dan minbarra li, skond l-artikolu 35 tal-istess Regolament, tista' ssir talba lil Qorti ta' Stat Membru għall-għoti ta' miżuri kawtelatorji jew provviżorji wkoll fejn il-ġurisdizzjoni dwar il-mertu tal-kwestjoni jkun jaqa' fil-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Stat Membru ieħor;

39. Illi l-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju wkoll ma jistħoqqlux jintlaqa'. B'żieda mal-konsiderazzjonijiet li saru fl-aggravju ta' qabel, din il-Qorti ssib li r-raġunijiet li l-appellanti ġġib biex tiġġustifikah imorru kontra l-pożizzjoni li ħadet dwar l-ewwel aggravju tagħha u għal kollox inkompatibbli mal-argumenti mressqa hemm. Minbarra dan, il-qofol tal-kwestjoni li hija l-mertu tal-azzjoni tallum mhijiex waħda ta' tħaddim jew tifsir tal-ftehim, billi f'dak ir-rigward ma hemm l-ebda ftehim bejn l-appellat u s-soċjetà appellanti: kif ingħad, il-qofol tal-azzjoni attriċi huwa l-allegat ksur tal-jeddijiet intellettwali tiegħu mill-egħmil imwettaq jew maħsub tal-istess appellanti li, minnu nnifsu, jagħti lok għal azzjoni taħt l-artikolu 8 tal-Kapitolu 488 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti tqis li s-sottomissjonijiet li saru mill-appellanti u r-riferenzi għal deċiżjonijiet tal-Qrati dwar is-siwi u s-saħħa ta' klawsoli arbitrali ma humiex għalhekk daqstant rilevanti għall-każ tallum għaliex il-parametri tal-azzjoni attriċi joħorġu 'l barra mill-qafas kuntrattwali tal-ftehim li fih tinsab il-klawsola arbitrali invokata mill-appellanti;

40. Illi għalhekk lanqas dan l-aggravju mhu sejjer jintlaqa';

41. Illi fit-tielet aggravju l-appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti ma mxietx sewwa meta ma laqgħetx ir-raba' eċċezzjoni u aċċettat li l-liġi applikabbli għall-ftehim kellha tkun il-liġi ingliża. Hija tgħid li, biċ-ċaħda tal-imsemmija eċċezzjoni, l-ewwel Qorti warrbet l-għażla ħielsa tal-kontraenti

fil-ftehim (dwar liema liġi kellha tirregola l-kuntratt ta' bejniethom) bla ma tat raġunijiet għaliex dehrilha li kellha tagħmel hekk;

42. Illi dwar dan l-aggravju l-appellat itenni r-raġunijiet li huwa ġab dwar l-aggravju ta' qablu;

43. Illi din il-Qorti ssib li, għall-istess raġunijiet li wassluha biex tiċħad it-tieni aggravju tas-soċjetà appellanti, hekk ukoll sejra tiċħad dan l-aggravju;

***Decide:***

44. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq mis-soċjetà intimata Whitelocke Publications Limited bħala mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad l-appell** tal-attur fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni preliminari bħala mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt, u tiċħad il-bqija tal-appell tiegħu bħala irritu u null;

**Tikkonferma**, għalkemm għal raġunijiet differenti, id-deċiżjoni appellata mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Lulju, 2017, fl-ismijiet premessi ;

**Tordna** li kull parti appellanti tħallas l-**ispejjeż tagħha ta' dan l-appell**; u

**Tordna** li l-atti tal-kawża jintbagħtu lura lill-ewwel Qorti ħalli tkompli tisma' l-każ u tiddisponi minnu b'rabta ma' dak deċiż f'din is-sentenza.

**Moqrija.**

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb